

32006D0206

L 75/17

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

14.3.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-3 ta' Marzu 2006

li temenda l-Appendiċi A ta' l-Anness X ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 fir-rigward ta' ċerti stabbilimenti fis-settur tal-laħam fl-Ungerija

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 606)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2006/206/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja, u partikolarment l-Anness X, Kapitolu 5, Sezzjoni B, paragrafu (d) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Ungerija ngħatat perġodi tranżitorji għal ċerti stabbilimenti elenkati fl-Appendiċi A ta' l-Anness X ta' l-Att ta' l-Adeżjoni.
- (2) L-Appendiċi A ta' l-Anness X ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 ġie emendat mid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2004/462/KE ⁽¹⁾, 2004/472/KE ⁽²⁾ u 2005/665/KE ⁽³⁾.
- (3) Żewġ stabbilimenti tal-laħam irriżenjaw mill-proċess ta' titjib ta' l-impjanti tagħhom u applikaw għal klassifikazzjoni mill-ġdid minn stabbilimenti ta' kapaċità għolja għal stabbilimenti ta' kapaċità baxxa. Skond dikjarazzjoni uffiċjali mill-awtorità kompetenti Ungeriża, dawn l-istabbilimenti jikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti ta' l-UE fir-rigward ta' stabbilimenti ta' kapaċità baxxa. Dawk l-istabbilimenti għandhom għalhekk jitneħħew mil-lista ta' stabbilimenti li qegħdin fi tranżizzjoni.

- (4) L-Appendiċi A ta' l-Anness X ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

- (5) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali ġie infurmat bil-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-istabbilimenti elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni jitneħħew mill-Appendiċi B ta' l-Anness X għall-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 156, 30.4.2004, p. 135; verżjoni kkoreġuta f'ĠU L 202, 7.6.2004, p. 92.

⁽²⁾ ĠU L 160, 30.4.2004, p. 61; verżjoni kkoreġuta f'ĠU L 212, 12.6.2004, p. 34.

⁽³⁾ ĠU L 247, 23.9.2005, p. 37.

ANNESS

Lista ta' stabbilimenti li għandhom jitneħħew mill-Appendiċi A ta' l-Anness X ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003

STABBILIMENTI TAL-LAĦAM

Lista supplimentari

Nru	Nru ta' approvazzjoni veterinarja	Isem u indirizz ta' l-istabbiliment
4.	06528	Kalória Kft., Szabadbattyány
8.	16536	Hús Trió Kft., Simontornya